# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 26 ta' Novembru, 2020**

Appell numru 110 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Justin BORG**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 ta' Marzu 2018 fil-konfront ta' Justin BORG, karta tal-identità bin-numru 566588(M) li ġie mixli:

   > Talli nhar it-8 ta' Mejju, 2008 għal ħabta ta' 23:00hrs fi Triq it-Trungiera, Marsaxlokk :
   >
   > 1. b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna offiżi ta' natura gravi u perdurata guq il-persuna ta' Clint Formosa skont kif iċċertifika Dr. Michael Spiteri MD. Reg. 2666 mill-Isptar Mater Dei;

2. li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq il-vettura JBD 695 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża;
3. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq il-vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Caruana skont kif iċċertifika t-Tabib Kelvin Cortis;
5. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi pprova ja jħallix persuna tagħti tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża ċivili jew kriminali, jew lil xi awtorita kompetenti jew quddiemha;
6. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement issopprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew indizji ta' reat;

Il-Prosekuzzjoni talbet li jekk jinstab ħati l-appellant jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan kif ukoll talbet l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal piena ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal tliet snin flimkien ma multa ta' tliet elef euro (€3,000) nonche ordnat l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar skont l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ordnatlu jħallas l-ispejjeż skont il-Liġi.

3. Illi minn din is-sentenza Justin BORG interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati u fin-nuqqas li tapplika piena

anqas kiefra kif il-Qorti jidhirilha xieraq u opportun. U dan wara li, in suċċint, saħaq is-segwenti:

i. Ma tresqux provi illi l-appellant saq il-vettura tiegħu b'mod perikoluż, liema perikolożita riedet tiġi ppruvata sal-grad rikjest mill-Liġi; iżda l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq tali prova f'dak il-grad;
ii. Skond ix-xhud Mario Neville Carabott hu sema ħoss qawwi bħallikieku kien hemm żewġ vetturi li jtelqu, liema fatt però ma jippruvax sewqan eċċessiv jew perikoluż. Lanqas ma kien ifisser li kull ħoss qawwi jindika li sewqan eċċessiv. Skond l-appellant, il-vettura tiegħu kellha problema fis-*silencer*.
iii. Minħabba li kien hemm kunflitt bejn il-provi prodotti l-appellant kellu jibbenefika minn dan il-fatt u kellu joħroġ illiberat.
iv. Il-ħsarat inkorsi fuq il-vettura misjuqa mill-appellant stess ma kienux gravi u li dan kien jindika li hu kien qed isuq b'veloċita' baxxa.
v. Il-fatt waħdu li tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu mijiex prova ta' sewqan eċċessiv. Anzi jidher illi hu reġa rnexxielu jassumi l-kontroll tal-vettura mingħajr ma tela' l-bankina.
vi. L-iskwalifika tal-liċenzja għal sena kienet eċċessiva u dan peress li l-appellant kellu bżonn il-vettura tiegħu għax-xogħol tiegħu ta' kuljum stante li huwa bugħaddas. Minħabba tali skwalifika, huwa kien ser jitlef ix-xogħol tiegħu.
vii. In oltre għandu l-fedina penali tiegħu kienet waħda netta.
viii. Jikkontendi li l-iskwalifika tal-liċenzja kellha tiġi konvertita f'multa pagabbli b'rati mensili u dan anki fid-dawl tat-trapass taż-żmien mill-każ, matul liema żmien ma kellux inċidenti stradali oħra.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar it-8 ta' Mejju 2008 għall-ħabta tal-ħdax ta' bil-lejl il-Pulizija ġew infurmati dwar inċident stradali li kien seħħ fejn il-vettura misjuqa mill-appellant li kienet qed tinstaq fi Triq it-Trunċiera, Marsaxlokk, kienet tilfet il-kontroll u laqtet lil Clint Formosa ta' 16 il-sena li kien miexi f'dik it-triq.

5. L-appellant niżel mill-karozza biex jara x'kien ġaralu l-milqut; iżda ftit ħin wara, l-appellant stess ressaq il-vettura minn fejn seħħ l-inċident. Minħabba f'hekk ma setgħax isir skizz tal-inċident. L-appellant jgħid li huwa għamel hekk peress illi l-vettura kienet fin-nofs tat-triq u kienet t'ostaklu għat-traffiku.

6. Il-vittma Clint Formosa kien miexi d-dar flimkien ma sħabu fejn f'daqqa waħda semgħu ħoss ta' vettura ġejja b'veloċita' qawwija fid-direzzjoni tagħhom. Din il-karozza skiddjat, telgħet fuq il-bankina u konsegwenza t'hekk intlaqtu żewġ ġuvintur li wieħed mill-vittmi spiċċa taħt iċ-ċint.

7. Ġiet l-ambulanza u Formosa ttieħed l-isptar fejn ġie ċċertifikat li kien qiegħed ibgħati minn ġrieħi gravi.

8. Jonathan Caruana li kien fil-kumpanija ta' Clint Formosa kien ukoll safa' ferut matul dan l-inċident fejn kien soffra xi ġrieħi f'geddumu u f'għonqu liema ġrieħi ġew ċertifikati wkoll bħala ġrieħi gravi.

9. L-appellant saħaq li l-vettura misjuqa minnu kienet qed tinstaq fid-direzzjoni lejn il-Kalkara fejn f'daqqa waħda, minkejja li kien qiegħed isuq bl-40 fis-siegħa, hu tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' dieħel fil-bankina u laqat lil ġuvni, Clint Formosa, li kien miexi taħt il-bankina. Kif laqtu niżel itiħ l-ewwel għajnuna fejn kien hemm sieħbu Shaun b'karrozza oħra warajh li niżel ukoll biex jgħin. Wara ġew il-Pulizija u l-ambulanza. Bħala ħsarat kellu biss l-*extension* tal-

*bumper* isfel u wara nduna li kellu daqqa fuq il-*mudguard* però dik ma ġratx waqt l-inċident.

10. In kontro-eżami qal li dakinhar tal-inċident ma kinitx xita u reġa kkonferma li kien għaddej bil-40(?) fis siegħa. Mitlub jispjega allura kif irnexxielu jitlef il-kontroll b'dak il-mod, b'dik il-veloċita' ma setgħax jispjega. Jgħid li hu ma kellux difetti fil-karozza iżda kif niżel minnha induna li kellu t-*tyre* daqxejn baxx. Jidhirlu li kien hemm ħames żagħżagħ mixjin flimkien fejn kien hemm tlieta minnhom taħt il-bankina. Ikkalkula li setgħa rahom l-ewwel darba meta kien madwar għoxrin metru l-bogħod minnhom. Qal illi kif ra wħud minnhom taħt il-bankina ġibed għal fuq il-lemin u kif kiser naqra biex joħroġ naqra l-barra minnhom ħaditu l-karozza u kif kiser kollox lejn in-naħa l-oħra biex jikkontrolla laqgħat lil Clint Formosa. Jgħid li kiser l-ewwel darba biex jevita lin-nies li kienu mixjin taħt il-bankina. Insista li hu ċ-ċint ma missux u b'hekk ma jistax jitqies responsabbli għall-ħsarat illi hemm. Id-daqqa li kien hemm fuq iċ-ċint ma saretx minnu.

11. L-appellant ikkonferma li Clint Formosa spiċċa taħt iċ-ċint bid-daqqa u li hu stess għenu biex joħroġ. Saħaq li lanqas kien qed isuq bl-erbgħin meta messu għax waqaf kif mess il-bankina. Qal li kif laqtu Clint waqa ċatt u baqa nieżel peress li ma tistax timtedd kollok fuq il-bankina u b'hekk spiċċa waqa' taħt iċ-ċint.

12. L-appellant ikkonferma li neħħa l-karozza qabel ġew il-Pulizija u li għamel dan biex ma jkunx hemm karozzi fin-nofs peress li kif waqaf kien għalaq karreġġjata sħiħa; b'hekk neħħiha minn kif kienet.

13. Jgħid ukoll li hu jaħdem bħala *Diver* full time mal-*Fish and Fish*.

***Ikkunsidrat***

14. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

15. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

16. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex

---

Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

17.Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

18.Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

19. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

20. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

21. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

22. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

23. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista'

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

24. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

25. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa

minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

26.Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

27.Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

28.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty.

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

29. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

30. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

31. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

32. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

33. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

34. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

35. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun

prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

36.Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur

Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

37. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella,*** deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

38. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-

proċess quddiemha.  Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel.  U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

39. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati.  Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat***

40. L-appellant jisħaq illi ma tressqux provi suffiċjenti li ppruvaw li hu kien qed isuq b'manjiera perikoluża. Diversi xhieda li ddeponew irreferew għal ħoss li semgħu ġej mill-vettura misjuqa mill-appellant qabel seħħet il-ħabta. Kien hemm min saħaq li instema' bħallikieku kien hemm żewġ vetturi jtelqu - iżda l-appellant jargumenta li dan ma jippruvax sewqan perikoluż. L-appellant jgħid li fiż-żmien in kwistjoni huwa kellu problema fis-*silencer* tal-vettura misjuqa minnu.

41. L-appellant jisħaq ukoll li l-ħsarat inkorsi fuq il-vettura ma kienux kompatibbli mal-inċident minkejja dak illi xehdu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Dan kollu la kien jipprova sewqan eċċessiv, u l-anqas li huwa tilef il-kontroll tal-vettura. Anzi jinsisti li kien irnexxielu jerġa' jassumi l-kontroll tal-vettura misjuqa minnu, tant li jgħid li huwa lanqas biss rikeb il-bankina.

42. Fit-tieni lok, l-appellant jisħaq ukoll illi l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena kienet waħda eċċessiva speċjalment fid-dawl tal-fatt illi hu jaħdem bħala *diver* fuq bażi *full-time*. Hu jikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tikkonverti din l-iskwalifika f'multa pagabbli mensilment u dan anki fid-dawl tat-trapass ta' żmien konsiderevoli mill-inċident, matul liema żmien, l-appellant jisħaq li ma kellux inċidenti stradali oħrajn.

43. Illi minkejja l-mod kif inhuma mressqa l-aggravji, din il-Qorti tinnota illi t-talba tal-appellant f'dan l-appell hija għar-revoka tas-sentenza **<u>kollha</u>**. Dan qiegħed jingħad għaliex apparti l-akkuża ta'

sewqan perikoluż u/jew negliġenti kien hemm akkużi oħrajn li ma kellhomx applikazzjoni awtomatika mas-sejbien ta' ħtija tar-reat appellat.

44. In oltre jirriżulta wkoll li matul it-trattazzjoni tqajjem aggravju wkoll dwar it-tielet akkuża, fejn l-appellant saħaq illi din l-akkuża ġiet preskritta wara li saret korrezzjoni tal-akkużi kif kien jidher a fol 51 tal-atti.

45. Apparti minn hekk saret referenza fuq fuq għall-akkużi l-oħrajn fis-sens dejjem li hemm nuqqas ta' provi in sostenn.

46. Konsegwentement din il-Qorti ser titratthom fil-qosor fid-dawl tal-provi prodotti sabiex tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal li ssib ħtija fl-appellant għal dawn l-imputazzjonijiet.

***Ikkunsidrat***

47. Illi fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, din il-Qorti jidhrilha li fuq il-bażi tal-provi prodotti, l-Qorti tal-Maġistrati, setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom.

48. Dik il-Qorti kellha provi diretti u indiretti biżżejjed biex fuqhom, anke grazzi għal dak mistqarr mill-appellant stess bil-ġurament tiegħu, tikkonkludi li l-inċident stradali de quo kien responsabbli għalih biss u unikament l-appellant li minħabba s-sewqan xejn

tajjeb tiegħu, huwa kkawża offiżi ta' natura gravi u per durata fuq il-persuna ta' Clint Formosa, kif ukoll offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Caruana, liema offiżi ġew kaġunati frott tan-negliġenza u l-perikolożita fis-sewqan tal-appellant.

49. Din il-Qorti ftit għandha xi żżid ma dak konstatat mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha fir-rigward tar-responsabbilita tal-appellant u l-ħtija penali tiegħu għar-rigward ta' dawn it-tliet reati kontestati lilu. Għalkemm huwa minnu li l-ħoss kbir waħdu mhux prova ta' sewqan bi traskuraġni, b'nuqqas ta' ħila jew saħansitra perikoluż, u l-anqas ta' sewqan b'veloċita eċċissiva, jibqa' l-fatt li dan il-ħoss **<u>magħqud</u>** mal-verżjonijiet tax-xiehda Formosa, Galea, Sterling, Carabott u Caruana **<u>meħuda flimkien</u>** mal-provi indiretti miġbura f'dan il-każ u minsuġa mal-verżjoni mogħtija mill-appellant u x-xiehda li kienu miegħu, setgħa jwassal lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex leġittimament u raġonevolment tikkonkludi li ssib ħtija fl-appellant għar-raġunijiet imsemmija minnha.

50. Din il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet milħuqa minn dik il-Qorti.

***Ikkunsidrat***

51. Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, seduta stante l-appellant ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li din kienet milquta mill-preskrizzjoni. Huwa saħaq li dan ma kienx aggravju ġdid iżda biss kien jaqa' fis-setgħa ta' din il-Qorti, anke jekk Qorti ta' reviżjoni,

li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan setgħa jsir anke in bażi għal dak deċiż minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Omissis*** deċiż nhar is-26 ta' Jannar 2017.

52. L-appellant jgħid li l-preskrizzjoni tat-tielet imputazzjonijiet kienet dovuta għall-fatt li, matul is-seduta tal-4 ta' Mejju 2009, il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Minħabba fil-fatt li skont l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik ta' sitt xhur, allura minħabba tali korrezzjoni kif mitluba, l-imputazzjoni kellha tiġi dikjarata preskritta.

53. Illi m'hemmx dubbju li skont il-Liġi u l-ġurisprudenza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista titqajjem fil kwalunkwe stadju tal-proċeduri inkluż allura fl-istadju tal-appell; u tista anki titqajjem mill-Qorti *ex officio* fit-termini tal-artikolu 694 tal-Kodiċi Kriminali.

54. Mill-atti proċesswali jirriżulta li verament li l-Prosekuzzjoni għamlet talba għal żewġ korrezzjonijiet fl-imputazzjonijiet kontestati lill-appellant. L-ewwel waħda kienet saret bis-saħħa tar-rinviju a fol 51. Din it-talba għal żieda fl-imputazzjonijiet waslet biex tiġi milqugħa u mwettqa matul is-seduta tal-4 ta' Mejju 2009 fejn hemmhekk żdiedu r-raba' imputazzjoni nonche talba għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. It-tieni żieda kienet saret b'talba fin-nota tar-rinvju a fol 214, liema talba ġiet imwettqa matul is-seduta tat-3 ta' Mejju 2010 kif jidher a fol 215.

55. Kull waħda minn dawn it-talbiet għal żieda t'imputazzjonijiet saru fuq talba tal-Avukat Ġenerali u l-appellant ta ruħu b'notifikat għalihom. Huwa uża l-formula sibillina li "*rrinunzja għal kwalunkwe terminu*", perżumibbilment b'referenza għat-terminu ta' preskrizzjoni – ħaġa li pero fid-dritt penali ma setgħax jagħmel fi kwalunkwe każ.

56. Minkejja dan, fil-fehma tal-Qorti, biż-żieda ta' dawn l-imputazzjonijiet, ma ġiex mittiefes it-terminu preskrittiv konċernanti t-tielet imputazzjoni. Il-Prosekuzzjoni ma preżentat ebda att t'akkuża jew ċitazzjoni ġdida b'sostituzzjoni ta' dak li kienu diġa jeżistu li kienu diġa ġew notifikati lill-appellant. It-tielet imputazzjoni kienet diġa teżisti fiċ-ċitazzjoni oriġinali. Dawn iż-żidiet mal-ewwel tliet imputazzjonijiet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-istatus legali tal-ewwel tliet imputazzjonijiet ġia notifikati lill-appellant fiċ-ċitazzjoni oriġinali. Ebda imputazzjoni ma ġiet irtirata u riproposta. Il-verbal tas-seduti huwa ċar. Hawn si trattava ta' żieda ma dak li kien hemm u mhux sostituzzjoni t'att b'ieħor li jkun ġie rtirat.

57. Lanqas ma jista' jingħad illi kienet saret xi talba għal korrezzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. L-imputazzjonijiet oriġinali baqgħu qatt ma ntmessu. B'hekk l-argument tad-Difiża li l-azzjoni msemmija fit-tielet imputazzjoni hija preskritta minħabba li saru l-korrezzjonijiet indikati, qiegħed jiġi miċħud.

58. Iżda, minkejja dan id-Difiża għandha xorta waħda raġun tilmenta li l-azzjoni relattiva għat-tielet imputazzjoni kienet preskritta. It-

tielet imputazzjoni tikkontempla l-ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid hekk : -

> 3.(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

59. Dan l-istess artikolu jżid jgħid illi :-

> (3) Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit lifih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –
> (a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew
> (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal.

60. Skont l-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Karl Bonnici*** deċiż mill-Imħallef David Scicluna nhar l-4 ta' Ġunju 2008 :-

> Permezz ta' dan is-subartikolu, il-perijodu preskrittiv skond dak li jipprovdi l-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghal ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Invece ghandhom japplikaw il-perijodi indikati fl-imsemmi subartikolu, liema perijodi ghandhom jitqiesu bhala perijodi ta' dekadenza.
>
> Issa l-prosekuzzjoni argumentat quddiem din il-Qorti li wahda "mill-ipotezijiet strambi" ta' dan is-subartikolu hu li l-proceduri ma jkunux jistghu jigu inizjati wara sena mid-data li fih ikun sar ir-reat u allura peress illi f'dan il-kaz ma kienx ghadu ddekorra l-perijodu ta' sena, l-azzjoni mhix preskritta. Din il-Qorti ma taqbilx.
>
> Galadarba l-legislatur ghazel li jaghti zewg alternattivi, ma jistax jigi argumentat li stante li semma perijodu ta' sena allura ghandu japplika dan il-perijodu, altrimenti ma kien ikun hemm l-ebda skop li l-legislatur jaghti zewg alternattivi li jippostulaw sitwazzjonijiet differenti. U ghalhekk, nonostante l-posizzjoni fejn jinsabu miktuba l-kliem "skond liema zmien minnhom ikun l-itwal", din il-Qorti hi tal-fehma li l-intenzjoni tal-legislatur ma kinitx li din il-frazi tikkwalifika z-zewg alternattivi izda t-tieni alternattiva fil-paragrafu (b). Fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni saret taf bl-incident mhux biss fl-istess gurnata izda istantanejament peress illi kien

hemm Pulizija li raw u semghu l-incident. Allura x'sens jaghmel li wiehed jghid illi ghandu japplika l-paragrafu (b)? Xi skop kien hemm mela li l-legislatur idahhal il-paragrafu (a)? Kieku bl-argumentazzjoni tal-prosekuzzjoni, japplika dejjem il-paragrafu (b).

Fil-kaz in ezami l-incident in kwistjoni sehh fl-4 ta' Frar 2006. Mir-riferti esebiti jirrizulta li l-appellant gie notifikat fit-13 ta' Frar 2007. Dan ifisser li ghaddew mhux biss is-sitt xhur applikabbli skond il-paragrafu (a) izda sahansitra ghaddiet aktar minn sena mid-data ta' l-incident.

Konsegwentement it-tieni imputazzjoni hi preskritta.

61. Inoltre kif ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritu Silvio Camilleri fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Alan Axiak*** tal-17 ta' Jannar 2014 :

11. L-appellant għandu raġun f'dan l-aggravju. It-termini previsti fl-artikolu 3, kif ġia ritenut fis-sentenza msemmia il-Pulizija v Carmelo Cassar, huma termini speċjali ta' preskrizzjoni li jolqtu l-inizju tal-azzjoni kriminali u sa daqstant - u mhux aktar minn daqstant - jidderogaw mir-regoli ġenerali tat-Titolu VI tal-Kodiċi Kriminali. Il-preskrizzjoni tiġi kompjuta bis-sempliċi dekors taż-żmien sakemm dak id-dekorriment ta' żmien ma jiġix sospiż jew interrott skont il-liġi. Anki qabel l-emendi tal-2002 il-Kodiċi Kriminali kien ġia jipprovdi li sabiex il-preskrizzjoni tiġi interrotta ma kienx biżżejjed il-preżentata ta' att tal-proċediment dwar il-fatt li għalih il-persuna tkun imputata jew akkużata iżda kien meħtieġ in-notifika ta' dak l-att ta' proċediment. Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali li għas-sospensjoni jew interruzzjoni taż-żmien ta' preskrizzjoni hi meħtieġa n-notifika tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża. Għalhekk, it-terminu ta' preskrizzjoni tal-inizzju tal-azzjoni previst fl-artikolu 3 tal-Kap. 104 fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma ġiex interrott bil-preżentata tat-taħrika fil-5 ta' Settembru 2011 iżda biss bin-notifika tal-istess taħrika lill-appellant li jirrżulta li saret fil-11 ta' Marzu 2012 (riferta fol. 8), u ċioe' aktar minn sitt xhur mid-data li fih sar ir-reat allegat. L-azzjoni kriminali għar-reati bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 fit-tielet u fir-raba' imputazzoni markati (c) u (d) fit-taħrika hija għalhekk preskritta. Dan l-aggravju qiegħed għaldaqstant jiġi milqugħ.

62. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-allegat reat seħħ fit-8 ta' Mejju 2008. Iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata nhar it-18 ta' Novembru 2008. Kif jirriżulta mix-xiehda tal-Ispettur tal-Pulizija Priscilla Caruana (Lee) u s-Surġent 1434 Mario Mercieca, il-Pulizija kienu ġew infurmati bl-inċident, u l-konsegwenti kommissjoni tar-reat, immedjatament wara li dan seħħ f'dik l-istess ġurnata. Fl-okkorrenza a fol 29 jirriżulta wkoll li l-Pulizija kienet *taf* li l-appellant ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni.

63. Din il-Qorti għalhekk hija konvinta lil hinn minn kull raġjonevoli dubju li f'dan il-każ l-artikolu tal-preskrizzjoni applikabbli kien l-artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. U ġaladarba ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2008 il-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur kien laħaq skada. B'hekk l-azzjoni relattiva għat-tielet imputazzjoni ma setgħetx tittieħed kontra l-appellant in kwantu kienet diga estinta qabel ma ġiet proposta.

64. Konsegwentement il-Qorti qegħda *ex officio* tqajjem il-preskrizzjoni (ossija dekadenza) tal-azzjoni kriminali kontestata fit-tielet imputazzjoni u sejra għalhekk tillibera lill-appellant minnha.

***Ikkunsidrat***

65. Illi l-aħħar żewġt imputazzjonijiet jittrattaw ir-reati msemmija fl-artikolu 111 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jgħid hekk : -

> (1) Kull min ma jħallix lil persuna oħra tagħti t-tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża, ċivili jew kriminali, jew lil xi awtorità kompetenti jew quddiemha,

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena jew il-multa.

(2) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati –
(a) jekk ir-reat ikun delitt suġġett għall-piena mhux anqas mill-piena ta' priġunerija għal żmien ta' sena, il-piena msemmija fis-subartikolu (1);
(b) fil-każ ta' reati oħra, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, jew id-detenzjoni jew ammenda mhux anqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33).

66. Il-ħames imputazzjoni tirrifletti r-reat imsemmi fl-artikolu 111(1); filwaqt li s-sitt imputazzjoni tirrifletti r-reat imsemmi fl-artikolu 111(2) imsemmija.

67. Skond ix-xhieda ta' Clint Formosa, jirriżulta li filwaqt li l-appellant kien qiegħed 'jassistih' wara l-inċident stradali mertu ta' dan il-każ u fejn Formosa ssubbixxa offiża gravi u permanenti, l-appellant beda jgħidlu sabiex ma jdaħlux fl-inkwiet u biex joqgħod attent kif jitkellem fuq dak illi ġara.[11] Meta Formosa ġie mitkellem mill-Pulizija filwaqt illi kien rikoverat l-isptar kien għamel aċċenn għall-istess diskors. Għalkemm mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux ċar x'kienu l-motivazzjonijiet li wasluha sabiex issib ħtija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din hija ċ-ċirkostanza l-aktar qrib għall-ipoteżi tal-Liġi li tikkontempla r-reat li din il-Qorti setgħet issib fl-atti.

68. Biss din il-Qorti jidhrilha li dawn il-fatti ma jintegrawx ir-reat imsemmi fl-artikolu 111(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-imġieba tal-

[11] Ara folio 38 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda ta' Clint Formosa.

appellant, għalkemm deplorevoli in kwantu intiża biex tinfluwenza xhud fil-verżjoni tal-fatti li kellu jirrakkonta lill-awtoritajiet tal-Pulizija nonche dawk Ġudizzjarji, ma jwaslux biex jitqies ħati tar-reat de quo. L-appellant bl-ebda mod ma jista' jingħad li **ma ħalliex** lil Formosa milli jagħti tagħrif jew provi meħtieġa fil-"kawża" ċivili jew kriminali jew lil xi awtorita' kompetenti jew quddiemha. Dawn l-istqarrijiet ta' Formosa jistgħu iwasslu għall-konklużjoni li l-appellant prova jinfluwenza lil dan ix-xhud billi jipprova jikkonvinċih ma jdaħlux fl-inkwiet. Iżda ma kien hemm ebda azzjoni ulterjuri li biha żamm jew ma ħalliex lil Formosa milli jitkellem u jgħid is-sewwa.

69. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-Qorti tal-Maġistrati, in bażi għall-provi li kellha quddiemha ma setgħetx, legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib lill-appellant ħati tal-ħames imputazzjoni.

***Ikkunsidrat***

70. Illi dak li jirrigwarda s-sitt imputazzjoni, s-sitwazzjoni hija ftit aktar kumplessa.

71. Kemm il-parte ċivile Formosa kif ukoll ix-xhieda l-oħra li kienu fuq ix-xena, inkluż sħab l-appellant stess, jikkonfermaw illi f'mument wara l-inċident u wara li l-appellant kien niżel mill-karozza biex jassisti lill-Formosa, l-appellant reġa lura u spostja l-karozza tiegħu mill-posizzjoni li kienet fiha hekk kif waqfet wara l-inċident. Dan seħħ billi l-appellant saq u ressaqha konsiderevolment il-fuq minn

fejn seħħ l-impatt u fuq in-naħa l-oħra tat-triq tħares fid-direzzjoni opposta.[12]

72. Hekk per eżempju PS1434 Mario Mercieca jgħid li l-vettura misjuqa mill-appellant ma kinitx fejn seħħ l-impatt u li kien ċaqlaqha, allegatament, għax kienet fin-nofs. In oltre nnota ħsarat fiċ-ċint apparti li qal illi kien l-appellant biss illi allega li kien hemm minn fost dawk iż-żagħżagħ li kienu mixjin taħt il-bankina. Ix-xhud qal illi dakinhar tal-inċident hu kien kellem lill-appellant li ma kienx semmielu *tyres* imniżżlin. Riprodott jgħid li l-karozza kienet tresqet mill-post oriġinali, u skond kif qalulu, il-mod kif kienet posizzjonata setgħet kienet daqxejn ta' ostaklu. Jiftakar li kien hemm daqqa fiċ-ċint. Ma jiftakarx jekk kien hemm biss kantun nieqes. Dax-xhud ra l-karozza fuq il-post u niżżel il-ħsarat li hu ra qabel ittieħdet id-depot.

73. Il-parte civile jgħid li hu kien fuq il-bankina u ntlaqat fuq il-bankina u bid-daqqa għeleb fuq ċint u spiċċa fil-grawnd. Kif tela' fuq iċ-ċint innota illi l-karozza tal-appellant kienet il-bogħod sew minn fejn kienet oriġinarjament u ma kinitx aktar qrib iċ-ċint.

74. Noelle Marie Galea tixhed li oriġinarjament il-vettura tal-appellant kienet **<u>fuq</u>** il-bankina mal-ġenb tħares lejn il-pitch. Żiedet tgħid ukoll li hemmhekk it-triq kienet wiesa. L-appellant dawwarha u għamilha aktar il-fuq u ċioe' n-naħa l-oħra, jiġifieri pparkajha fil-ġenb. Imbagħad, riprodotta, a fol 275 et seq żiedet tgħid li hi ċerta

[12] Fosthom insibu x-xhieda ta' Daniel Roderick Sterling a folio 65 u ta' Neville Carabott a folio 165 tal-atti proċesswali.

li l-karozza ta' Justin baqgħet dieħla fiċ-ċint u dan peress illi meta niżlet ħdejhom, l-appellant iddeċieda li jċaqlaq il-vettura li f'dak il-waqt kienet għadha fiċ-ċint. L-appellant infatti neħħiha minn maċ-ċint u tellaha iktar il-fuq. Wara li semgħet il-ħoss qawwi tal-karozza u, x'ħin indunat x'kien ġara, telqet tiġri lejn fejn kien seħħ l-inċident, tgħid li sakemm waslet, l-appellant kien għadu ma ċaqlaqx il-karozza.

75. Daniel Roderick Sterling ukoll jikkonferma li l-appellant ressaq il-karrozza minn fejn kienet oriġinarjament fejn dawwarha wiċċha kontra u ressaqha mill-post fejn kienet mal-impatt. Riprodott, a fol 252 jżid li jiftakar li kien semgħa lil xi ħadd jgħid lill-appellant biex iċaqlaq il-karozza minn fejn kienet u hu filfatt hekk għamel. Ma jafx għalfejn qalulu hekk jew min qallu pero' jaf li ċaqlaqha.

76. Mario Neville Carabott jgħid li l-appellant ried ineħħi l-karozza minn fejn kienet bis-saħħa, allavolja dax-xhud qal lill-appellant biex iħalliha fejn kienet. L-appellant qalilhom li ma riedx iħalliha fin-nofs, allavolja x-xhud insista miegħu biex ma jċaqlaqhiex minn hemm. Carabott jgħid li l-appellant tellagħha madwar mitejn metru 'l fuq, minkejja li t-triq kienet wiesa u joqgħodu madwar erba' karozzi ħdejn xulxin. Carabott jiftakar wkoll li intqal xi diskors fis-sens illi l-appellant kellu jniżżel it-*tyre* biex jgħid li splodielu. Jgħid ukoll li filfatt ra lill-appellant sejjer lejn il-karozza, imma jekk filfatt faqgħawx jew le ma jafx.

77. Jonathan Caruana xehed li kien jiftakar illi Neville Carabott kien qal lill-appellant biex ma jċaqlaqx il-vettura minn fejn kienet, iżda l-appellant minflok ressaqha l-fuq. Caruana jgħid ukoll li hu nduna wkoll illi ra lill-appellant iniżżel it-*tyre* tal-vettura tiegħu u filfatt kien qal lill-Pulizija dwar dan. Żied illi l-appellant kien anki offrielu xi flus biex ma jixhidx kontra tiegħu. Hu ċert mija fil-mija illi l-appellant niżżel it-*tyre* tal-vettura tiegħu. Għalkemm in kontro-eżami ġie konfrontat bil-fatt li allegatament kien mitluf minn sensieh u b'hekk ġie mistoqsi kif setgħa ra u semgħa dawn l-affarijiet kollha, dax-xhud stqarr li kien hemm trapass tal-ħin u laħaq ġie f'tiegħu.

78. Mill-banda l-oħra l-appellant u sħabu jgħidu li hu kien qed jimblokka t-traffiku u kien għalhekk illi hu ressaq il-vettura biex b'hekk ma jkunx ta' ostaklu għal vetturi oħrajn.

79. L-appellant jinsisti li kien hemm uħud miż-żgħażagħ mixjin fuq il-bankina u **<u>oħrajn taħt il-bankina</u>**. Huwa għamel il-manuvra ta' evażjoni meta ra li kien hemm uħud minnhom taħt il-bankina biex jipprova jevitahom. Tilef il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu, għalkemm ma kienx jaf kif dan seħħ. Wara l-inċident neħħa l-karozza **<u>qabel</u>** ġew il-Pulizija biex ma jkunx hemm karozzi fin-nofs. Jgħid li kif waqaf hu għalaq karreġġjata sħiħa u b'hekk neħħiha.

80. Sean Ferrell jgħid li hu ra l-karozza ta' Justin tiskiddja u tiġbed lejn in-naħa tax-xufier (lemin) u mbagħad daret u waqfet **<u>taħt il-bankina</u>**. Jiftakar li weġġa' wieħed ġuvni li kien **<u>taħt il-bankina</u>**. Miegħu kien hemm l-għarusa tiegħu (Chanelle Vassallo). Qal li ċert

li l-karozza ta' Justin **ma rifsitx il-bankina**. Qal lil Justin Borg biex iċaqlaq il-vettura tiegħu minn fejn kienet spiċċat biex ma jimblukkax it-traffiku : iżda mhux ċert jekk għamilx hekk qabel jew wara li ġew il-Pulizija.

81. Chanelle Vassallo ftit jew wisq toffri verżjoni simili ħafna għal dik tal-għarus tagħha Sean Ferrell. Biss bix-xiehda tagħha toħloq aktar dubju dwar kemm kienet verosimili l-verżjoni mogħtija minn Ferrell in kwantu d-deskrizzjoni tal-inċident tagħha mhix daqshekk ċara – għajr ħlief li tgħid li l-parte civile kien taħt il-bankina, iżda ma ratx il-vittma qabel l-inċident u **assumiet** li kien taħt il-bankina peress illi l-karozza ma telgħetx fuq il-bankina. Riprodotta a fol 267 reġgħet ikkonfermat illi l-vittma kien taħt il-bankina allavolja ma tafx min hu.

82. Marley Vella xehed li l-karozza misjuqa mill-appellant qatt ma waslet sal-ħajt; iżda jidhirlu li bil-vettura ta' Justin Borg kif maħbuta l-karozzi setgħu jgħaddu xorta peress li t-triq in kwistjoni wiesa. Kien meta' waqaf Sean Ferrell illi l-appellant ċaqlaq il-karozza tiegħu. X'aktarx ċaqlaqha bit-tferfix. Riprodott a fol 271 qal li l-appellant ma kienx għaddej b'veloċita' qawwija. Insista li l-persuna li ntlaqtet kienet taħt il-bankina. Hu jafu dan għax l-impatt sar fuq in-naħa fejn kien hemm hu.

83. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen lil dawk ix-xiehda li qalu li l-appellant ressaq il-vettura tiegħu mill-post fejn spiċċat

wara l-inċident. Naturalment il-konsegwenza li titnissel meta karozza involuta f'inċident stradali titressaq minn fuq il-post fejn tkun spiċċat wara l-inċident, aktar u aktar meta s-sewwieq ikun ġie mwissi minn xi xhud okulari biex ma jċaqlaqhiex minn fuq il-post, m'hemmx għalfejn tkun professur tal-liġi biex tifhimha. Huwa minn għewl id-dinja li jekk il-karozza tiċċaqlaq mill-posizzjoni li tkun spiċċat fiha, x-xena tal-inċident, u tad-delitt kienet sejra tkun kompromessa bil-kbir. Ftit trid għerf biex tifhimha din.

84. F'dan il-każ m'hemmx dubju li l-appellant ressaq il-vettura tiegħu **wara** l-inċident u **qabel** ma waslu l-Pulizija fuq il-post. Għalhekk ma kienx possibbli għall-Pulizija u għall-esperti tal-Qorti li jagħmlu skizz li jirrifletti bi preċiżjoni l-i *stationary position* tal-karozza fis wara li seħħ l-inċident. Dan ifisser li bl-azzjoni tiegħu l-appellant biddel jew qered uħud mill-indizzji jew traċċi tar-reat li kien għadu kif seħħ.

85. L-appellant u Ferrell jagħtu l-impressjoni li dan sar biex it-triq tiġi żgumbrata mill-ostaklu li dik il-vettura kienet qegħda tippresta minħabba l-posizzjoni li kienet fiha. Iżda din il-verżjoni hija kontradetta minn diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni, jekk mhux ukoll mix-xhud in difesa Marley Vella li jgħid li bil-vettura ta' Justin Borg kif maħbuta l-karozzi **setgħu jgħaddu xorta peress li t-triq in kwistjoni wiesa**.

86. Ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina tidderimi din il-kwistjoni. It-triq kienet wiesa' bejn 10.45 metri u 11.45 metri. Marley Vella kellu raġun f'dak li qal. It-triq kienet wiesa biżżejjed biex karozzi oħra

jgħaddu u għalhekk il-vettura tal-appellant mhux veru kienet qegħda toħloq ostaklu għat-traffiku fis-sens li minħabba fil-mod kif spiċċat ma setgħux jgħaddu karozzi oħra. Fi ftit kliem ma kienx hemm raġuni għalfejn din il-karozza kellha tiċċaqlaq minn kif spiċċat wara l-inċident u qabel il-wasla tal-Pulizija.

87. Apparti dan però, din il-Qorti ma tistax ma ssaqsix ukoll għalfejn il-vettura tqiegħdet daqshekk il-bogħod mill-post tal-impatt u fid-direzzjoni opposta mill-post fejn seħħ l-impatt jekk l-appellant sempliċiment ried iwarrabha min-nofs sabiex, skontu, ma jostakolax it-traffiku li seta' jgħaddi minn hemmhekk. L-appellant seta' sempliċiment għafas aktar mal-ġenb tal-bankina bħallikieku ser jipparkja l-vettura. S'hemmhekk din il-Qorti setgħet kienet tkun disposta li b'xi mod tagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-appellant dwar dan il-punt u tqis li l-appellant setgħa ressaq il-karozza biex ma tkunx t'ostaklu jew aktar periklu, anke jekk kien messu l-ewwel stenna lill-Pulizija jiġu fuq il-post.

88. Iżda f'dan il-każ hemm dettall importantissimu li joħroġ mix-xhieda ta' Mario Neville Carabott u Jonathan Caruana. Carabott jgħid li l-appellant tellagħha madwar mitejn metru 'l fuq, minkejja li t-triq kienet wiesa u joqgħodu madwar erba' karozzi ħdejn xulxin. Iżda Carabott jiftakar ukoll li intqal xi diskors fis-sens illi l-appellant kellu jniżżel it-*tyre* biex jgħid li splodielu – u **ra** lill-appellant sejjer lejn il-karozza, imma jekk filfatt faqgħux jew le ma jafx.

89. Imbagħad Jonathan Caruana xehed li kien jiftakar illi Neville Carabott kien qal lill-appellant biex ma jċaqlaqx il-vettura minn fejn kienet, iżda l-appellant minflok ressaqha l-fuq u aktar minn hekk Caruana jgħid ukoll li hu **ra** lill-appellant iniżżel it-*tyre* tal-vettura tiegħu u filfatt kien qal lill-Pulizija dwar dan. Żied illi l-appellant kien anki offrilu xi flus biex ma jixhidx kontra tiegħu. Hu ċert mija fil-mija illi l-appellant niżżel it-*tyre* tal-vettura tiegħu.

90. Dan huwa dettall importanti ħafna li minħabba fih, din il-Qorti saħħet il-konvinzjoni tagħha li tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant ma aġixxiex biss bi ħtieġa fl-interess li jiġi evitat aktar periklu, iżda aġixxa malizjożament sabiex jiddepistaġġja lill-investigaturi. B'din l-azzjoni li biha l-appellant, skont ix-xiehda ta' Carabott u Caruana, niżżel it-*tyre* kien intiż biex bis-saħħa tiegħu tiġi maħluqa ċirkostanza li setgħet isservi ta' prova u li bis-saħħa tagħha tibdel il-verita storika fir-rigward ta' dik li kienet ir-raġuni li wasslet għal dan l-inċident u l-kawża prossima tiegħu.

91. B'din l-azzjoni delibberata l-appellant ried li jibdel l-istat fattwali u ċirkostanzjali tal-provi materjali eżistenti b'mod li bil-bidla maħluqa minnu jiftaħ ipoteżi jew toroq t'interpretazzjoni oħra dwar il-kawża prossima tal-inċident u li ma kienux jeżistu fil-mument meta seħħ dan l-inċident u b'hekk ta' kif fil-fatt verament seħħ ir-reat – b'mod li jew jiskolpa lilu nnifsu kompletament jew jipprova jintroduċi fix-xena xi ċirkostanza mitiganti, u li ma kienetx verament teżisti fil-mumenti preċiżi meta seħħ l-inċident.

92. Dan id-dettall, li jidher li kien emnut mill-Qorti tal-Maġistrati, jikkonvinċi lil din il-Qorti li minħabba fih, dik il-Qorti kellha raġun temmen li l-appellant aġixxa b'*mens rea* meta huwa ċaqlaq il-karozza tiegħu mill-posizzjoni li kienet fiha fis wara l-inċident b'mod għalhekk li huwa biddel jew qered traċċa jew indizju ta' reat.

93. Interessanti però li jiġi nnutat illi meta l-appellant xehed viva voce quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, hu, minn jeddu, jsemmi illi kien innota li kellu t-*tyre* baxx waqt li qed jipprova jiġġustifika għalfejn hu kien tilef il-kontroll tal-vettura in kwistjoni. Din il-forma ta' ġustifikazzjoni tkompli ssaħħaħ moħħ din il-Qorti li fil-fatt dak li xehdu Carabott u Caruana setgħa jiġi emnut mill-Qorti tal-Maġistrati.

94. Id-dottrina u l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward ta' dan ir-reat taħt l-artikolu 111(2) tal-Kodiċi Kriminali tagħti tifsira partikolari lil dawn il-fatti, meta jiġu kommessi mill-istess persuna li tkun ikkommettiet ir-reat prinċipali. Fl-appelli kriminali bħal ***Il-Pulizija vs. Gordon Pickard***[13] nonche ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelo Bilocca et***[14] ġie spjegat meta dawn il-fatti ma jikkostitwux reat.

95. Fis-sentenza ***Pickard,*** kien ġie ritenut is-segwenti :

Illi l-artikolu 111(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

[13] Tat-30 ta' Novembru 2016.
[14] Tas-16 t'Ottubru 2019.

"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi f'disposizzjonijiet oħra ta' dan il- Kodiċi, xjentement jissoprimi jew b'xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l- indizji ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati ...."

Dan ir-reat promulgat fil-ligi penali taghna fl-1909, introdott permezz ta' l-artikolu 7 tal-Ordinanza VIII gie immudellata fuq il-Codice Zanardelli tal-1889 u allura jikkorrispondi kelma b'kelma ghall-ahhar parti tal-artiklu 225 ta' dak il-kodici u jinsab impostat taht it-titolu " Del Favvoreggiamento" li jaqra fl-intier tieghu:

225. Chiunque, dopo che fu commesso un delitto per il quale è stabilita una pena non inferiore alla detenzione, senza concerto anteriore al delitto e senza contribuire a portarlo a conseguenze ulteriori, aiuta taluno ad assicurarne il profitto, a eludere le investigazioni dell'Autorità, ovvero a sottrarsi alle ricerche della medesima o alla esecuzione della condanna, e chiunque sopprime o in qualsiasi modo disperde o altera le tracce o gli indizii di un delitto che importi la pena suddetta, é punito .... (sottolinjar tal-Qorti)

Illi minn qari ta' dan id-dispost tal-ligi fil-kodici taljan issa abrogat ghandu johrog illi hija l-ahhar parti biss tieghu li hija riflessa fl-artikolu 111(2) tal-Kodici taghna, l-legislatur jommetti x'aktarx volutament, milli jinkludi l-ewwel parti. Id-difiza targumenta illi l-fattispecje ta' dan il-kaz, ghalkemm jistghu jittaljjaw taht dak l-aspett tar-reat li jitkellem dwaru l-artiklu 225 tal-Codice Zanardelli, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom taht l-ahhar bicca li allura giet tradotta fil-ligi taghna fl-artikolu 111(2). Huwa bil-wisq evidenti, kif tissottometti id-difiza illi fl-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli issir distinzjoni bejn min jassisti sabiex jigu zvijati l-investigazzjonijiet tal-pulizija wara l-kummissjoni ta' reat u min imbaghad jissopprimi jew ibiddel it-tracci materjali jew l-indizji tar-reat, bl-ahhar parti allura tirreferi ghal provi materjali u mhux ghal xi dikjarazzjoni jew stqarrija inveritjiera. Illi il-codice penale taljan illum qasam dawn ir-reati f'zewg disposizzjonijiet distinti, bl-artikolu 378 jitkellem dwar "il favvoreggiamento personale" u l-artiklu 379, fuq dik "reale", li madanakollu jeskludi l-ahhar parti tad-disposizzjoni ta' l-artiklu 225 u cioe' dak tar-reat in dizamina. Illi allura meta l-artiklu 378 jitkellem fuq il-favvoreggiamento personale irid ifisser lli:

"È configurabile il reato di favoreggiamento personale nel caso di aiuto consapevolmente fornito al colpevole di un delitto a sottrarsi a investigazioni ancora non in atto, purché esse siano chiaramente immaginabili dall'agente sulla base degli elementi concreti a sua conoscenza."[15]

[15] Cassazione Penale no. 16246/2013.

Ukoll:

"Per la sussistenza dell'elemento soggettivo del delitto di favoreggiamento personale è sufficiente il dolo generico, che deve consistere nella cosciente e volontaria determinazione delle condotte nella consapevolezza della loro natura elusiva delle investigazioni e delle ricerche dell'autorità e della finalizzazione delle stesse a favorire colui che sia sottoposto a tali investigazioni o ricerche."[16]

Mentri il-"favvoreggiamento reale" ghandu bhala skop l'okkultament tal-provi mill-agent li jaghmel dan biex jaghmel xi forma ta' qliegh personali, liema element allura huwa mankanti fl-artikolu 378.

Issa l-ligi taghna ma issemmi xejn minn dan kollu previst fl-artikoli 378 u 379 tal-Codice Penale taljan li allura huma dawk ir-reati li kien jitkellem dwarhom l-ewwel parti tal-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli. Il-kodici penali taghna jitkellem biss fuq l-okkultament tat-tracci materjali jew indizji tar-reat. Din id-dsitinzjoni qed issir biex il-Qorti tkun tista' allura tasal ghall-elementi tar-reat li dwaru l-appellanti jinsab mixli.

Ghalkemm l-ligi titkellem fuq kwalunkwe persuna, madanakollu il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi din it-terminologija uzata ma tistax tinkludi l-ezekutur tar-reat li tieghu l-gudikabbli qed jipprova jissopprimi jew ibiddel jew jeqred it-tracci tieghu, billi jekk l-ezekutur tar-reat in dizamina jaghmel dan, l-azzjonijiet tieghu jitqiesu bhala kontinwazzjoni tar-reat principali. Ukoll l-att li bih wiehed jissopprimi jew jeqred it-tracci jew l-indizji tar-reat huwa bizzejjed minghajr ma hu necessitat xi ftehim pre-ordinat mal-ezekutur tar-reat purche' dan l-att inkriminati isir bix-xjenza tal-persuna u mhux b'negligenza jew zball. L-intenzjoni trid tkun tali illi tizzvija jew tizgwida l-id tal-gustizzja u ir-reat huwa ikkunsmat anke jekk l-malvivent ma ikunx irnexxielu fl-intenzjoni tieghu. Issa l-Professur Mamo madanakollu jishaq illi irid ikun hemm necessarjament xi forma ta' element materjali ghalkemm l-agent ma ikunx irnexxielu fl-intenzjoni tieghu. Bhala ezempju ighid illi ghalkemm l-agent jahbi l-arma uzata fid-delitt ta' omicidju volontarju, anke jekk il-pulizija sussegwentement issib dik l-arma, ir-reat ikun komplut hekk kif ikun sehh l-element materjal abbinat ovvjament ma'l-intenzjoni voluta tal-agent li jissopprimi dik l- evidenza. Issa jekk dik il-persuna tinqabad filwaqt li qed tipprova tahbi dik l-arma allura tista tinsab htija ghat-tentattiv tar-reat izda mhux ghar-reat ikkunsmat. Dan ifisser allura illi l-att materjali irid ikun jikkonsisti necessarjament filli l-agent b'att pozittiv u dirett jeqred jew jahbi xi tracca materjali jew xi indizju li jista' iwassal lill-investigaturi jikxfu l-malvivent. It-test ingliz jitkellem dwar circumstantial evidence tradott bil-malti ghal kelma indizji jew tracci materjali. Issa dikjarazzjoni inveritjiera mill-agent dwar dak li verament sehh filwaqt tal-kummissjoni tad-delitt

[16] Cassazione Penale n. 24035/2011.

tista qatt taqa' taht l-element materjali li jitkellem dwaru l-artikolu 111(2)? Dan ghaliex il-ligi titkellem fuq it-tracci jew l-indizji tar-reat indikattivi allura ta' dawk l-provi cirkostanzjali jew indizji ohra materjali li jistghu iwasslu mhux biss sabiex l-pulizija jasslu ghall-ezekutur tar-reat principali izda ukoll iwasslu sabiex issir il-gustizzja mieghu.

96. Imbagħad fl-appell kriminali ***Bilocca et,*** din il-Qorti kolleġjalment komposta tistqarr illi :

**41**. Ir-reat tal-okkultament tal-provi gie promulgat fil-ligi penali taghna fl-1909. Kien introdott bl-artikolu 7 tal-Ordinanza VIII, li kien modellat fuq il-Codice Zanardelli tal-1889 u allura jikkorrispondi kelma b'kelma ghall-ahhar parti tal-artiklu 225 ta' dak il-kodici u jinsab inkluz taht it-titolu "*Del Favvoreggiamento*". Din id-disposizzjoni tal-Codice Zanardelli taghmel distinzjoni bejn min jassisti sabiex jigu zvijati l-investigazzjonijiet tal-pulizija wara l-kummissjoni ta' reat u min imbaghad jissopprimi jew ibiddel it-tracci materjali jew l-indizji tar-reat. Din id-distinzjoni ma saritx fil-ligi taghna ghaliex il-legislatur holoq biss dak ir-reat li jitkellem dwaru l-ahhar parti ta' dan id-dispost tal-Codice Zanardelli.

**42.** Huwa minnu dak li tikkontendi d-difiza illi ghalkemm l-ligi titkellem dwar kwalunkwe persuna, madanakollu il-Professur Sir Anthony Mamo Mamo huwa tal-fehma illi t-terminologija wzata ma tistax tinkludi l-ezekutur tar-reat li tieghu l-gudikabbli qed jipprova jissopprimi jew ibiddel jew jeqred it-tracci tieghu. Dan ghaliex l-illustri Professur Mamo jasal ghall-konkluzjoni illi jekk l-ezekutur tar-reat in dizamina jaghmel dan, l-azzjonijiet tieghu jitqiesu bhala kontinwazzjoni tar-reat principali. Inoltre l- att li bih wiehed jissopprimi jew jeqred it-tracci jew l-indizji tar-reat huwa bizzejjed minghajr ma hu necessitat xi ftehim pre-ordinat mal-ezekutur tar-reat purche' dan l-att inkriminanti jsir bix-xjenza tal-persuna u mhux b'negligenza jew zball. L-intenzjoni trid tkun tali illi tizvija jew tizgwida l-id tal-gustizzja u r-reat huwa konsumat, anke jekk l-malvivent ma jkunx irnexxielu fl-intenzjoni tieghu.

97.Il-Professur Mamo, fin-Noti tiegħu, fil-Volum I, paġna 80 jgħid :

This offence arises when the fact does not constitute some other offence under other provisions of the Code. Infact the suppression or destruction of the evidence of an offence may be, for instance, in pursuance of a promise given by the agent to the principal offender previous to the commission of the offence, in which case we would have an act of complicity in the principal offence, also, the suppression of the evidence may consist in the concealing of the body of a person whose death was caused by a crime : in which case the provision that would be applicable would be sec. 253

(Notice the anomaly in the punishment there prescribed as compared with the punishment prescribed in sec. 110).

The subject of this offence can, according to the said Sec. 110 of our Code, be "Whosoever", that is any person but according to the best accepted authorities this generalisation does not include the parties themselves to the principal offence. In other words, if a person who has himself committed an offence, suppresses or destroys the traces or evidence thereof he would not be guilty also of this further offence: his action in any such case would but be a continuation of his principal offence (v. Carrara "Opuscoli di Diritto Penale" Vol. VIII, p.48 & 49; Impallomeni op. Cit. Vol. II p. 283)

98. Illi din il-Qorti rat ukoll ġurisprudenza aktar reċenti fir-rigward tal-iżvilupp ta' dan ir-reat fl-Italja. Kif huwa mgħallem fit-*Trattato di Diritto Penale* dirett minn Grosso, Padovani u Pagliaro, fil-*Parte Speciale* li tittratta d-*Delitti Contro l'Amministrazione Della Giustizia*,[17] f'paġna 227 et seq, hemm spjegat li r-reati ta' *favoreggiamento* li wieħed isib illum fl-artikolu 378 u 379 tal-*Codice Penale*, minkejja l-forma dupliċi : reali u personali fihom, għandhom l-għeruq tagħhom fid-disposizzjonijiet tal-*Codice penale per il Regno delle Due Sicilie* tal-1819 u dak tat-Toscana tal-1853 fejn għall-ewwel darba ġiet użata l-frażi *favoreggiamento*. Dan ir-reat kien jippenalizza l-kondotta kriminuża tal-aġent li jgħin lid-delinkwent wara t-twettieq tal-fatt penalment rilevanti bil-għan li huwa jgawdi mill-qliegħ jew profitt kriminuż jew li jiżvijja l-investigazzjonijiet jew li jaħrab milli jinqabad.

99. Imbagħad il-*Codice Zanardelli*, filwaqt li żamm dawn l-ipoteżi ta' reat, żied magħhom ukoll dik il-kondotta li wieħed jgħin lid-

[17] Dott. A Giuffre' Editore, Milano, 2009.

delinkwent sabiex dan mhux biss ma jinqabadx jew ma jkunx possibbli li tittieħed azzjoni kontra tiegħu iżda wkoll sabiex l-eventwali kundanna kontra tiegħu ma tkunx tista' tiġi eżegwita. Sussegwentement wara l-promulgazzjoni tal-*Codice Rocco*, mill-artikolu 378 tħalliet barra l-ipoteżi tar-reat tal-qirda jew bdil tat-traċċi jew indizji tar-reat minħabba li l-Leġislatur Taljan qies li din l-ipoteżi kienet taqa' fil-parametri tar-reat ta' *frode processuale* li kienet issa tifforma parti mill-artikolu 374 tal-*Codice Penale*.

100. L-artikolu 374 tal-*Codice Penale* allura jgħid illi :

> Chiunque, nel corso di un procedimento civile o amministrativo, al fine di trarre in inganno il giudice in un atto d'ispezione o di esperimento giudiziale, ovvero il perito nella esecuzione di una perizia, immuta artificiosamente lo stato dei luoghi, o delle cose o delle persone, e' punito, qualora il fatto non sia preveduto come reato da una particolare disposizione di legge, con la reclusione da uno a cinque anni.

101. Mill-banda l-oħra l-artikolu 378 tal-Codice Penale jgħid hekk:

> Chiunque, dopo che fu commesso un delitto per il quale la legge stabilisce la pena di morte o ( l'ergastolo o la reclusione, e fuori dei casi di concorso nel medesimo, aiuta taluno a eludere le investigazioni dell'Autorità, comprese quelle svolte da organi della Corte penale internazionale, o a sottrarsi alle ricerche di questa, è punito con la reclusione fino a quattro anni.
>
> Quando il delitto commesso è quello previsto dall'articolo 416 bis, si applica, in ogni caso, la pena della reclusione non inferiore a due anni.
>
> Se si tratta di delitti per i quali la legge stabilisce una pena diversa, ovvero di contravvenzioni, la pena è della multa fino a cinquecentosedici euro.
>
> Le disposizioni di questo articolo si applicano anche quando la persona aiutata non è imputabile o risulta che non ha commesso il delitto.

102. L-artikolu 379 tal-istess Codice Penale imbagħad jgħid hekk :

> Chiunque, fuori dei casi di concorso nel reato e dei casi previsti dagli articoli 648, 648-bis e 648-ter, aiuta taluno ad assicurare il prodotto o il profitto o il prezzo di un reato, e' punito con la reclusione fino a cinque anni se si tratta di delitto, e con la multa da lire cinquecento a diecimila se si tratta di contravvenzione.
>
> Si applicano le disposizioni del primo e dell'ultimo capoverso dell'articolo precedente.

103. Il-Liġi Maltija ma għandhiex disposizzjoni identika għall-dawn l-artikoli 374, 378 u 379 tal-*Codice Penale*. Il-posizzjoni ġuridika għalhekk mhix identika. Fil-Liġi Maltija ma jirriżultax ir-reat identiku għall-*favoreggiamento* Taljan kif żviluppa fil-Liġi u ġurisprudenza Taljana. Fil-fatt il-Professur Mamo jikkumenta fuq ir-reat ta' *favoreggiamento* skont il-kummentarji tal-Carrara u l-Impallomeni. Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni tal-Professur Mamo li r-reat ta' *favoreggiamento* jeħtieġ li l-aġent jagħmel xi azzjoni li biha jgħin lil ħaddieħor biex jaħrab minn jew jiżvijja l-id tal-Ġustizzja. Iżda mbagħad il-Professur Mamo pero ma jagħmilx id-distinzjoni li sussegwentement saret fil-Codice Rocco fejn ir-reat ta' *favoreggiamento* u dak tal-*frode processuale* ġiet kristallizzata. Huwa jirriżulta li żamm mal-interpretazzjoni oriġinarjament mogħtija mill-Liġi u l-ġurisprudenza Taljana għar-reat ta' *favoreggiamento* kif kienet taħt il-Kodiċi Zanardelli iżda mhux dik kif eventwalment irriżultat fid-distinzjoni bejn il-*favoreggiamento* u r-reat ta' *frode processuale* fil-Kodiċi Rocco. Dan qiegħed jingħad għaliex din id-distinzjoni għandha effetti importanti ħafna fir-rigward ta' min jista' jkun is-suġġett attiv fir-rigward ta' dawn ir-reati. Is-suġġett attiv għar-reat ta' *favoreggiamento* taħt il-Kodiċi Zanardelli ma

baqgħax l-istess għal dak li jkun wettaq fattispecie issa konfigurabbli taħt ir-reat ta' *frode processuale* fil-Kodiċi Rocco.

104. Jiġifieri, meta l-Codice Penale fil-Kodiċi Zanardelli kien jipprovdi għar-reat ta' *favoreggiamento* fl-artikolu 225 tiegħu aktar il-fuq imsemmi, huwa kien jipprovdi ż-żewġt ipoteżi tar-reat, inkluż dik fit-tieni parti li minnha tnissel ir-reat taħt l-artikolu 111(2) tal-Kodiċi Kriminali Malti. Kif kienu magħqudin flimkien dawn l-ipoteżi tar-reat kienu jiġu interpretati mid-dottrina u l-ġurisprudenza prevalenti fl-Italja fis-sens li jispjega l-Professur Mamo fis-sens li :

> "Whosoever", that is <u>any</u> person but according to the best accepted authorities this generalisation does not include the parties themselves to the principal offence. In other words, if a person who has himself committed an offence, suppresses or destroys the traces or evidence thereof he would not be guilty also of this further offence: his action in any such case would but be a continuation of his principal offence (v. Carrara "Opuscoli di Diritto Penale" Vol. VIII, p.48 & 49; Impallomeni op. Cit. Vol. II p. 283)

105. Fil-fatt b'riferenza għar-reat ta' *favoreggiamento personale* jew *reale*, il-***Padovani***[18] jgħid hekk : -

> 2. ***Soggetto attivo***. Dalla chiara dizione normativa discende pacificamente che si tratta di un reato c.d. comune, perpetrabile da qualunque soggetto. Esistono, tuttavia, alcuni problemi, dall'indubbio riflesso soggettivo, che rendono necessaria una serie di precisazioni.
> 2.1. ***L'autofavoreggiamento.*** Nessun dubbio che non sia perseguibile chi, dopo aver commesso un reato, da solo o in concorso con altri, ponga in atto la condotta del favoreggiamento, e cio` per il principio generale del nostro ordinamento per cui nessuno puo essere obbligato a tradirsi, e che trova espressione proprio nell'art. 384, comma 1 (Cass.III 22.2.82, Mancio e altro, G PEN 1983, II, 66, CP 1983, 1982; per la dottrina, che concorda pienamente, talvolta argomentando anche dal dato lessicale che l'art. 378 punisce un

[18] ***Le Fonti del Diritto Italiano – Codice Penale***, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2534 et seq.

aiuto prestato a taluno, e quindi non a se stesso, Manzini V 908; Fiandaca-Musco PS I 294, Padovani, 24, 2; Antolisei PS II 471; Boscarelli, 3, 249; Pannain, 26, 148; Jannitti Piromallo, 22, 267; De Chiara, 6, 708. E' chiaro, comunque, che per essere scriminati, occorre che si ponga in essere la condotta di favoreggiamento per evitare una propria responsabilita' penale: infatti, in un caso in cui il favoreggiamento e' stato commesso per allontanare da se una responsabilita civile o amministrativa, non si e' ritenuto ricorrere causa di giustificazione.

106. Mill-banda l-oħra meta dwar l-artikolu 374 tal-*Codice Penale* ċjoe dak li jitkellem dwar ir-reat tal-*frode processuale*, l-istess Padovani jgħid hekk : -

2. *Soggetto attivo*. Secondo l'espressa dizione normativa, **soggetto attivo puo' essere chiunque, compreso l'imputato del reato in ordine al quale viene posta in essere la frode [19]**(Pisa, 9, 329; Conti 7, 165), nei confronti del quale si porra il problema dei limiti di applicabilita dell'esimente prevista dall'art. 384, che non e' automatica, ma, per esempio, non sara' applicabile quando la deliberazione di dar luogo all' immutazione artificiosa abbia preceduto il delitto, poiche il nocumento poteva essere evitato non commettendo il delitto.....
3.Elemento materiale. La condotta del reato e' descritta con molta precisione, ma restano alcuni problemi. La dottrina ha ormai chiarito che con il termine immutazione si indica qualunque mutamento, trasformazione, alterazione, nel significato fisico del termine, di luoghi, cose o persone oggetto delle attivita' di ispezione, esperimento giudiziale o perizia...La giurisprudenza, sinteticamente, ritiene che il delitto, che ha carattere sussidiario, e' costituito da una falsita' reale, documentale, personale o concettuale, in rapporto al mezzo di estrinsecazione....Cosi, quale esempio di immutazione..di cose puo' consistere in lavaggio di macchie di sangue, **cancellazione di tracce, eliminazione di segni di investimento di auto**, sottrazione di pistola a persona deceduta durante un conflitto a fuoco (Cass I 24.10.85, Franze', CP 1987, 114, G PEN 1986, II, 643, R PEN 1986, 694)....Si tratta di reato di pericolo (sottolineando la differenza con il delitto di falsa perizia, reato di evento... e di conseguenza l'immutazione punibile deve essere idonea a generare l'inganno o anche solo il pericolo di inganno...il pericolo di una diversa interpretazione del fatto, a causa dell'alterazione delle sue componenti probatorie....mentre l'immutazione viene considerata assolutamente inidonea a generare la frode soltanto quando la condotta e' tanto grossolana da rivelare immediatamente l'artificio, qualunque potenzialita' ingannatrice all'immutazione stessa, con valutazione da effettuare *ex ante*... che esclude la grossolanita nel caso di ritinteggiatura di pareti...Ovviamente,

[19] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

> l'immutazione deve cadere su elementi oggettivi rilevanti....dalla precisazione del comma 2 dell'art. 374, invece, che dichiara applicabile la disposizione anche ad una condotta anteriore ad un procedimento penale (perche' lo Stato ha un interesse maggiore a salvaguardare la genuinita' delle prove in campo penale, sostengono Antolisei RS II 461, e Fiandaca-Musco PS I 288) si e' tratta la conseguenza importante che commette frode processuale chi immuti lo stato del luogo o delle cose subito dopo un fatto delittuoso e prima che inizi l'attivita' della polizia giudiziaria, volta ad assicurare le prove e le tracce del reato (Cass. III, 7.04.05...).

107. L-oġġett ġuridiku tar-reat taħt l-artikolu 111(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 374 tal-Codice Penale huwa simili ħafna fiż-żewġ Liġijiet ċjoe li tiġi mħarsa l-ġenwinita tal-provi li jkunu intiżi li jiġu mqegħda għall-eżami tal-Qorti jew tal-esperti maħtura minnha. Dan ir-reat irid li jiġi evitat li jkun hemm bdil materjali fil-provi li, jekk ikunu mibdula, jispiċċaw biex ibiddlu l-istatus quo b'mod li l-verita storika tiġi mibdula u distorta. B'hekk jiġi mħares ukoll it-tħaddim tajjeb tal-proċeduri kriminali. Huwa għalhekk li dan ir-reat ġie introdott taħt it-Titolu Fuq id-Delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet Pubbliċi Oħra.

108. Kif intqal fis-sentenza ***Bilocca et*** id-disposizzjoni tal-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli kienet tagħmel distinzjoni bejn min jassisti sabiex jiġu żvijati l-investigazzjonijiet tal-Pulizija wara l-kummissjoni ta' reat u min imbagħad jissopprimi jew ibiddel it-traċċi materjali jew l-indizji tar-reat. ***Bilocca et*** tisħaq li din id-distinzjoni **ma saritx fil-liġi Maltija** għaliex il-leġislatur ħoloq biss dak ir-reat li jitkellem dwaru l-ahhar parti ta' dak id-dispost tal-Codice Zanardelli.

109. Iżda kif intwera aktar il-fuq, ir-reat ta' *favoreggiamento* fid-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana kien jeħtieġ li jiġi kommess billi jiġi mgħejjun terz jaħrab mill-ġustizzja wara l-fatt, aktar milli wieħed jagħmel atti *t'autofavoreggiamento* – għalkemm kif intwera aktar il-fuq, anke għall-kunċett tal-*autofavoreggiamento* hemm l-eċċezzjonijiet. Mill-banda l-oħra meta l-Liġi Taljana titkellem fuq ir-reat tal-*frode processuale*, u li għalhekk it-tieni parti ta' dak li kien l-artikolu 225 tal-Codice Zanardelli, kif rifless fl-artikolu 111(2) tal-Kodiċi Kriminali, is-suġġett attiv ta' dan ir-reat jista' jkun kulħadd, inkluż l-akkużat tar-reat li fir-rigward tiegħu tkun twettqet il-frodi. Jiġifieri il-*mutamento artificioso* tal-i *stato dei luoghi, o delle cose o delle persone* jista' wkoll isir mill-awtur tar-reat prinċipali innifsu, salv eċċezzjonijiet fil-ġurisprudenza bħal fil-każ ta' azzjonijiet ta' qirda jew tibdil li jkun jidher magħmul b'mod grossolan fejn allura ma jistax jingħad li tkun saret il-frodi proċesswali.

110. Veru li fil-ġurisprudenza Taljana hemm ukoll sentenzi li jistgħu jinftehmu b'vuċi kemxejn kontrastanti, bħal per eżempju Cass. Pen. 45583/2007 fejn ġie deċiż illi : -

> D'altra parte, la grossolanità dei concitati e maldestri gesti di ripulitura delle tracce, siccome compiuti dagli autori dell'omicidio, senza apprezzabili soluzioni di continuità, nel medesimo contesto spazio-temporale dell'efferato delitto di sangue, ne svela, insieme con la sostanziale contiguità degli atti, il difetto della pur necessaria alterità, perché si possa attribuire autonomo rilievo alla descritta condotta e configurare il concorso materiale dei reati di omicidio e di frode processuale. A ben vedere, infatti, oggetto dell'attività d'indagine, che giusta l'astratta figura di reato potrebbe essere fuorviata dalla cancellazione delle tracce, è invece, in concreto, la ricostruzione dell'intero contesto della vicenda criminosa, che, anche secondo il senso comune e la

diffusa esperienza giudiziale, abbraccia nella sua prospettiva storico-fenomenica anche quei gesti.

111. Iżda mill-banda l-oħra f'dan il-każ jirriżulta li kien l-appellant, li kien involut fil-kommissjoni tar-reati ta' sewqan perikoluż u li konsegwenza tiegħu involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq żewġ persuni, wara l-kommissjoni ta' dawn ir-reati, iżda qabel ma waslu fuq il-post l-Uffiċjali tal-Pulizija (u għalhekk waqt li kien laħaq għadda ċertu ammont ta' ħin bejn il-kommissjoni tar-reati prinċipali u l-wasla tal-Forzi tal-Ordni fuq il-post tal-inċident) għamel azzjonijiet li bihom materjalment biddel jew qered traċċi jew indizji tar-reati ġja kommessi minnu preċedentement.

112. Jiġifieri wara li l-appellant wettaq ir-reati prinċipali ta' sewqan b'manjiera bla kont, traskurat, u perikoluż, nonche l-offiżi gravi involontarji, u wara li kien għadda ammont ta' ħin huwa, anke jekk forsi fuq suġġeriment ta' ħaddieħor, għażel minn jeddu li kemm iċaqlaq il-vettura tiegħu minn fuq il-post tal-inċident, kif ukoll żewġ xiehda oħra rawh iniżżel *tyre* minnhom. Din il-Qorti tqis li din l-azzjoni qajla tista' tiġi meqjusa bħala xi forma ta' kontinwazzjoni mar-reati prinċipali li jaqgħu fl-isfera tan-negliġenti jew l-involontarju.

113. L-azzjoni tal-appellant li biha ċaqlaq il-vettura mill-post fejn kienet wara l-inċident nonche t-tniżżil tat-*tyre,* kienu azzjonijiet magħmula wara l-inċident stradali; kien laħaq għadda xi ħin bejn l-inċident u l-mument meta seħħew dawn l-atti. Huwa inverosimili li l-appellant ma kienx jaf x'inhuma l-konsegwenzi tal-għemil

tiegħu li jċaqlaq il-vettura inċidentata minn postha jew li jnizżel wieħed mit-*tyres* tal-istess vettura.

114. Din il-Qorti temmen li l-appellant aġixxa bil-ħsieb, volontarjament, biex jiżvijja lill-Awtoritajiet tal-Pulizija u dawk Ġudizzjarji dwar il-verita storika u l-provi li kien hemm fuq il-post tal-inċident. Bejn l-azzjoni li waslet għar-reati prinċipali msejsa fuq l-involontarju u n-negliġenti u r-reat sussidjarju tas-soppressjoni, qirda jew bdil tat-traċċi ta' delitt ma jistax jingħad li hemm xi rabta ta' kontinwita – la fattwali u l-anqas ġuridika. L-atti kommessi bl-ebda mod ma jistgħu jiġu ritenuti grossolani jew li kien fihom xi kontinwita immedjata mal-fatti integranti r-reati prinċipali.

115. Jekk xejn id-dekors tal-ħin bejn l-inċident u l-azzjoni ta' ċaqlieq tal-vettura (minkejja l-protesti ta' diversi xiehda ħbieb mal-vitma Formosa) u t-tnizżil tat-*tyre*, nonche d-differenza bejn it-tipoloġija tar-reati prinċipali u dak sussidjarju nonche l-elementi formali tal-istess, jimmilita kontra dan l-element ta' kontinwita spazjo-temporali mar-reat prinċipali. Din il-Qorti ma tistax tqis li bejn dawn id-diversi fatti jeżisti kuntest spazju-temporali waħdieni li jwassal għal kontigwita tal-atti. L-alterita bejn il-fatti li waslu għar-reati prinċipali u dak sussidjarju u l-intervall ta' ħin bejniethom pruvat f'dan il-każ twassal lil din il-Qorti tqishom bħala awtonomi minn xulxin b'mod għalhekk li ma jistgħux jitqiesu li huma xi forma ta' reat uniku.

116. F'dan il-kuntest tal-fatti kif seħħew f'dan il-każ, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet leġittimament u raġonevolment issib lill-imputat appellant ħati tar-reat imsemmi fis-sitt imputazzjoni.

# *Deċide*

Għalsaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Justin BORG in parte u għalhekk tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li:-

(a) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni, r-raba' u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

(b) Tħassarha :

i. f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u wara li din il-Qorti tiddikjara li l-azzjoni hemmhekk kontemplata hija preskritta, ossija dekaduta, u

ii. f'dik il-parti fejn sabitu wkoll ħati tal-ħames imputazzjoni u dan wara li l-Qorti tiddikjara li kwantu l-fatti pruvati ma jikkostitwux ir-reat imsemmi,

iii. u għalhekk tiddikjara lill-appellant mhux ħati tat-tielet u l-ħames imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza dwarhom;

(c) Tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal tliet snin flimkien ma multa ta' tliet elef euro (€3,000) nonche ordnat l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar skont l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ordnatlu jħallas l-ispejjeż skont il-Liġi;

(d) U stante li din il-Qorti kkonfermat il-ħtija tiegħu fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, r-raba' u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u stante li mhux possibbli għal din il-Qorti li tawmenta l-piena meta ma jkunx sar appell mill-Avukat Ġenerali :

i. tikkundannah għall-piena ta' tliet xhur priġunerija li bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal perjodu ta' tliet snin. Skont l-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lil Justin BORG fi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilitajiet tiegħu ai termini tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

ii. kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur;

iii. filwaqt li ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah sabiex iħallas l-ispejjeż skont il-Liġi.

U safejn mhux mibdul b'dak imsemmi aktar il-fuq, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***